Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 408/2016

Il-Pulizija

Vs

Francesco Grasso

Illum 26 ta' Awwissu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Francesco Grasso detentur tal-karta tal-identita Taljana bin-numru AV 4971670, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti:

Rat l-Allert fis-Sistema tal-Informazzjoni ta' Schengen għall-finijiet t' estradizzjoni li jġib in-numru ITRMACPNCGNDHQP00000l u l-ħames, il-ħames mandati t' arrest Ewropej (aktar l-isfel magħrufa bħala "MAE") maħruġin mill-Prokuratur tar-Repubblika fil-Qorti ta' Catania fit-23 ta' Marzu 2016 u l-ħruġ taċ-ċertifikat mill-Avukat Ġenerali datat 25 ta' Marzu 2016 fil-konfront ta' Francesco GRASSO, 29 sena, ta' nazzjonalita Taljana, imwieled f' Catania, l-Italja, nhar it-18 ta' Lulju 1986, iben Giuseppe u Maria nee Greco, pussessur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AV4971670, residenti lokalment fil-fond 124, Appartament numru 6, Triq il-Qasab, Swieqi u dan sabiex jittreġġa' lura lejn l-Italja sabiex iservi piena ta' priġunerija għal perjodu komplessiv ta' dsatax il-xahar u dsatax il-ġurnata, u dan in konnessjoni ta' diversi reati ta' serq u riċettazzjoni (aktar l-isfel magħruf bħala "l-estradant").

Rat iċ-Ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali skont ir-regolament 7 tal-Ordni fejn jiċċertifika li d-Dottoressa Barbara Tiziana Laudani, Sostitut Prokuratur tar-Repubblika fil-Prokura Distrettwali tar-Repubblika f' Catania hija l-awtorita li ħarġet l-allert skont is-Schengen Information System aktar fuq imsemmi kontra l-estradant u li għandha l-funzjoni li toħroġ allerti fl-Italja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Rimandanti, tal-1 ta' Awwissu, 2016, fejn il-Qorti;

Stante li ma hemm ebda impediment legittimu għaliex l-istess GRASSO Francesco għandu ma jintbagħatx lejn l-Italja skont kif mitlub mill-Awtorita Ġudizzjarja Taljana fil-MAE jew li jkun hemm dewmien fl-ispedizzjoni tiegħu lejn l-Italja in eżekuzzjoni tal-istess erba' MAE u ċjoe dawk relattivi għas-

(a) sentenza mogħtija nhar il-15 ta' Jannar 2007 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania (Sez. 1) u li jġib in-numri 27/07;
(b) għas-sentenza mogħtija nhar it-8 t'April 2009 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania (Sez. 1) u li jġib in-numri 974/09;
(c) sentenza mogħtija nhar is-17 ta' Jannar 2011 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania (Sez. 1) u li jġib in-numri 108/11;
(d) sentenza mogħtija nhar it-3 t' Ottubru 2014 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania u li jġib in-numri 4109/14;

Il-Qorti qegħdha tordna li GRASSO Francesco jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġiegħ lura lejn l-Italja u ċioe l-pajjiz skedat minn fejn inħarġu dawn l-erba' MAE u dan ai termini tar-regolament 13 (4) u 24 tal-Ordni.

Din l-ordni għall-kustodja tal-estradant qegħdha ssir bil-kundizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradant lejn l-Italja tkun soġġetta dejjem għal-*law of speciality* ossija in konnessjoni mar-reati addebitati lilu fil-MAE u msemmi fir-regolament 18 tal-Ordni.

Il-Qorti qegħdha, ai termini tar-regolament 25 tal-Ordni kif ukoll tal-Artikolu 16 tal-Kap. 276 tinforma lill-estradant li :

(a) huwa mhux ser jiġi mreġġa' lura lejn l-Italja qabel ma jgħaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;
(b) għandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-Ordni;
(c) jekk jidhirlu li xi wieħed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Kap. 276 ġie miksur jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tagħha hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, hija għandha jedd titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-każ.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Francesco Grasso, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 t' Awwissu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell billi thassar, tirrevoka u tannulla l-Ordni appellat fejn sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, u ai termini tal-Artikolu 12 (3) tal-A.L. 320 tal-2004. tordna l-helsien tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat, illi l-aggravju tal-appellant Francesco Grasso huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-appellant hass ruhu aggravat mid-decizjoni tal-1 t'Awissu 2016 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti ai termini tal-Kap 276 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qieghed jinterponi dan l-umli appell tieghu.

Illi fis-sentenza taghha, l-Qorti tal-Magistrati ghalkemm qed tghid illi rat li matul l-udjenza tal-21 ta' Lulju 2016 l-Ispetturi tal-Pulizija Dr. Mario Cuschieri u Herman Mula ikkonfermaw bil-gurament taghhom ir-ragunijiet li wasluhom sabiex iresqu lill-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn talbuha tipprocedi kontra l-appellant skont id-disposizzjonijiet tal-Avviż Legali 320 tal-2004, l-istess Qorti ma specifikatx x' inhuma dawn ir-ragunijiet b'konsegwenza li l-appellant ma jafx ir-ragunijiet tal-Ispetturi tal-Pulizija ghalfejn tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Illi ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha qalet li rat li matul l-istess seduta, il-partijiet qablu wkoll li:

(a) r-reati li ghalihom inhargu l-erba' MAE rimanenti huma kollha reati ta' estradizzjoni ai termini tal-Artikolu 12 tal-A.L. 320 tal-2004;

(b) ma kien hemm ebda impediment ghall-estradizzjoni ai termini tal-Artikolu 13 tal-A.L. 320 tal-2004.

Dan ma jistax ikun minhabba l-fatt li l-appellant ikkontesta t-talba ghal estradizzjoni kif ukoll jirrizulta li l-appellant ma kienx qieghed jaghti l-kunsens tieghu biex jintbghat lura lejn il-pajjiz skond il-MAE skond il-meritu tal-kawza u dan ai termini tar-regolament 11 tal-Ordni.

Barra minn hekk r-reati li ghalihom inhargu l-erba' MAE rimanenti mhumiex reati ta' estradizzjoni ai termini tal-Artikolu 12 tal-A.L. 320 tal-2004.

Illi mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati gie stabbilit li fil-procedura relattiva ghas-sentenza moghtija nhar it-8 t'April 2009 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania u li ggib in-numri 974/09 l-appellant kien personalment preżenti ghall-process li mmatura fid-deciżjoni u s-sentenza ta' prigunerija ghal żmien sitt xhur u mitejn euro multa. Iżda fit-tliet proceduri l-ohra l-appellant ma kienx preżenti ghall-process meta misjub hati.

Illi skond Artikolu 2 (2) (a) tal-Att dwar l-Estradizzjoni Kap 276 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-finijiet ta' dan l-Att persuna misjuba hatja ta' reat fin-nuqqas taghha ghandha titqies bhala persuna akkuzata b'dak ir-reat. Dan ifisser li fit-tliet proceduri l-ohra fejn l-appellant ma kienx preżenti ghall-process meta misjub hati, ghall-finijiet ta' dan l-Att huwa meqjus bhala persuna akkuzata b' reat u mhux persuna kkundannnata b' reat, anke jekk fit-tliet proceduri l-ohra l-appellant kien instab hati u kkundannat piena. Ghalhekk il-pieni inflitti f' dawk il-tlett proceduri ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi skond Artikolu 8 (1) (a) tal-Att dwar l-Estradizzjoni Kap 276 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-finijiet ta' dan l-Att, reat li bih persuna tkun akkuzata jew kienet misjuba hatja f' pajjiz barrani specifikat ikun reat ta' estradizzjoni dwar dak

il-pajjiz jekk ikun reat li dwaru kriminali mahrub jista' jittregga' lura ghal dak il-pajjiz skont l-arrangament u li dwaru wiehed jista' jehel skont dik il-ligi prigunerija ghal zmien ta' tnax-il xahar jew piena akbar.

Illi ghas-sentenza moghtija nhar it-8 t'April 2009 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania u li ggib in-numri 974/09 l-appellant kien personalment preżenti ghall-process li mmatura fid-deċiżjoni u s-sentenza ta' prigunerija ghal żmien sitt xhur u mitejn euro multa. Ghalhekk il-piena inflitta kienet inqas min tnax-il xahar, ghalhekk ir-reat li bih kien ikkundannat l-appellant ma huwiex reat ta' estradizzjoni.

Illi ghalhekk it-talba tal-prosekuzzjoni li l-appellant ghandu jittregga' lura lejn l-Italja sabiex iservi piena ta' prigunerija ghal perjodu komplessiv ta' dsatax il-xahar u dsatax il-gurnata, u dan in konnessjoni ta' diversi reati ta' serq u ricettazzjoni, ma treggix ghax ghal fini t' estradizzjoni ghandhom jitqiesu biss dawk il-pieni inflitti f' proceduri fejn il-persuna tkun prezenti. Fejn il-persuna ma kinitx prezenti il-pieni ma jghoddux ghal fini t'estradizzjoni ghax persuna f' dawk il-proceduri huwa meqjus biss bhala persuna akkuzata u mhux persuna kkundannata. Ghalhekk ir-reati tal-appellant ma ghandhomx jitqiesu bhala reati ta' estradizzjoni.

Ghalhekk ai termini tal-Artikolu 12 (3) tal-A.L. 320 tal-2004, din il-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tordna l-helsien tal-appellant.

Illi fid-dawl li t-treggiegh lura tal-appellant huwa impedut mill-fatt li r-reati addebitati lilu mhumiex reati ta' estradizzjoni u ghalhekk mhuwiex hati ta' l-ebda reat ta' estradizzjoni, l-Qorti tal-Magistrati kienet zbaljata li mxiet taht l-Artikolu 23 tal-A.L. 320 tal-2004 fir-rigward tal-erba' MAE. ghaliex hija

kellha ai termini tal-Artikolu 12(3) tal-A.L. 320 tal-2004, tordna l-helsien tal-appellant.

Illi l-Qorti tal-Magistrati zbaljat meta ghaddiet ghal ezekuzzjoni ghal dak rikjest mill-Artikolu 23 tal-A.L. 320 tal-2004 meta kellha ai termini tal-Artikolu 12 (3) tal-A.L. 320 tal-2004, tordna l-helsien tal-appellant.

Illi fil-procedura relattiva ghas-sentenza moghtija nhar it-8 t'April 2009 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania u li ggib in-numri 974/09, l-appellant kien personalment preżenti ghall-process li mmatura fid-deċiżjoni u s-sentenza ta' prigunerija ghal żmien sitt xhur u mitejn euro multa. Iżda fit-tliet proceduri l-ohra l-appellant ma kienx preżenti ghall-process meta misjub hati.

Illi fir-rigward taghhom il-Qorti tal-Magistrati erronjament ghaddiet biex tanalizza jekk tirriżultax xi wahda mic-cirkostanzi imsemmija fl-Artikolu 23 (3) tal-A.L. 320 tal-2004 fir-rigward ta' kull wiehed minnhom. Fil-fatt il-Qorti tal-Magistrati li kellha taghmel hu li tichad il-kwistjoni tat-talba tal-estradizzjoni ai termini tal-Artikolu 12 (3) tal-A.L. 320 tal-2004 u tordna l-helsien tal-appellant ghar-ragunijiet fuq premessi kif ukoll ghall-fatt li l-appellant ma naqsax ghax ried hu milli jidher ghall-procedimenti kontrih fil-Qorti Taljana imma l-istess Qorti Taljana procediet ghax riedet hi u kienet sodisfatta li tipprocedi fl-assenza tal-appellant.

Illi l-Qorti tal-Magistrati ma kelliex tipprocedi skont Artikolu 24 tal-istess Avvizz Legali imma kellha tipprocedi skont Artikolu 12 (3) tal-A.L. 320 tal-2004 u tordna l-helsien tal-appellant, galadarba ir-reati addebitati lill-appellant ma kinux reati ta' estradizzjoni.

Ghalhekk stante li l-appellant ma kkommetta l-ebda reat ta' estradizzjoni, huwa m'ghandux jintbaghat lejn l-Italja skont kif mitlub mill-Awtorita Gudizzjarja Taljana fil-MAE jew li jkun hemm dewmien fl-ispedizzjoni tieghu lejn l-Italja in eżekuzzjoni tal-istess erba' MAE u cjoe dawk relattivi ghas-

(a) sentenza moghtija nhar it-15 ta' Jannar 2007 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania (Sez. 1) u li jgib in-numri 27/07;

(b) ghas-sentenza moghtija nhar it-8 t'April 2009 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania (Sez. 1) u li jgib in-numri 974/09;

(c) sentenza moghtija nhar is-17 ta' Jannar 2011 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania (Sez. 1) u li jgib in-numri 108/11;

(d) sentenza moghtija nhar it-3 t'Ottubru 2014 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania u li jgib in-numri 4109/14.

Illi l-Qorti tal-Magistrati zbaljatament ordnat li l-appellant jinżamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura lejn l-Italja u cioe l-pajjiz skedat minn fejn inhargu dawn l-erba' MAE u dan ai termini tar-regolament 13 (4) u 24 tal-Ordni., meta kellha tordna ai termini tal-Artikolu 12(3) tal-A.L. 320 tal-2004, l-helsien tal-appellant.

Ikkunsidrat,

Illi qabel ma tinoltra ruhha fil-mertu ta' dan l-appell, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi r-rikors ta'l-appell kif redatt ma isegwiex strettament ir-

rekwiziti li tfassal il-ligi ghal validita tieghu u dan kif imfisser fl-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali applikabbli ukoll ghall-appelli bhal dak odjern minn decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti Rimandanti fi proceduri ta' estradizzjoni. Dan ghaliex huwa bil-wisq evidenti illi r-rikors ta'l-appell huwa nieqes minn esposizzjoni cara tal-fatti tal-kaz. Dan qed jinghad ghaliex fil-fatti kif rappurtati dwar ir-*res gestae* tal-kaz, l-appellanti dehrlu li minflok kellu jirriproduci *verbatim* id-decizjoni tal-Qorti Rimandanti. Di piu' anke l-aggravvji ma humiex elenkati b'mod car tant illi l-appellanti jabqez minn lanjanza wahda ghall-ohra minghajr ma jindika li hemm distinzjoni bejniethom oltre li jirrepeti l-istess lanajnza iktar minn darba. Illi dan in-nuqqas ma jidhirx illi gibed l-attenzjoni ta'l-Avukat Generali meta huwa gie biex iwiegeb ghal l-appell interpost. Illi fis-sentenza il-Pulizija vs Carmelo Borg gie insenjat:

**"Now section 18 (1) of the Extradition Act, Chapter 276 of the Laws of Malta, referred to by the parties, states that an appeal from an order committing a person to custody under Section 15 of the Act, shall be made by an application to the Court of Criminal Appeal, containing a demand for the reversal of the court's order and shall be filed in the registry of the court of committal not later than four working days from the date of said order. This sub-section clearly refers to appeals from the person committed to custody. In fact appeals from the Attorney General from an adverse decision of the Court of Committal are regulated by Section 19 (1) which lays down a three working day time limit for appealing from the day the Attorney General receives the records of the case and the decision of the Court of Committal. Other than imposing different time limits for filing the appeal and some other minor procedural details, the special provisions of Sections 18 and 19 contain no further express derogation to the general rules governing appeals to the Court of Criminal Appeal, clearly in its inferior jurisdiction. In line with the legal maxim "ubi lex voluit, dixit", this Court cannot therefore assume that the legislator in Sections 18 and**

**19 wanted to derogate to the rules governing appeals other than where it expressly stated so.”**

**“It follows that the requirements of Section 419 of the Criminal Code are equally applicable to appeals from similar extradition proceedings as they are in all other appeals lodged before this Court.”**

Illi l-qorti kompliet tghid hekk meta tkellmet fuq kif ghandha issir l-esposizzjoni tal-fatti tal-kaz f'dawn il-proceduri:

**“in view of the nature of the special procedure being invoked where the facts alleged do not appear to need any proof in the Court of Committal and are therefore not an object of the debate before that Court.**

allura dina l-esposizzjoni kellha tikkontjeni:

**“the facts upon which the appeal is supposed to be based, i.e. an irregularity or a series of procedural irregularities committed by the Court of Committal, which appellant claims to have vitiated the entire proceedings making them null and void. In this Court's view a detailed chronological account of the alleged irregularities had to form the basis of any statement of facts, as this would immediately have set the stage for the debate and examination required by and in this Court. Clearly, if section 419 has to have an practical meaning and effect other than a merely formal and procedural one, the facts in issue - be they the facts of the case as normally understood to mean the facts accompanying the alleged crime or crimes of which appellant has been charged or convicted, or the facts as meaning the *res gestae* before the court of first instance, in cases where appeals hinge only or mainly on procedural irregularities before said court - should be clearly and unequivocally spelt out in the paragraph or paragraphs dedicated to the**

**statement of the facts, required under pain of nullity by Section 419 (1) (a).”[1]**

Illi l-Qorti qed taghmel dina l-osservazzjoni sabiex tigbded l-attenzjoni tal-partijiet ghal fatt illi ir-regoli imfassla fl-artikolu 419 ghandhom jigu osservati skrupolozament u mhux ghall-ekominija tal-kliem u tax-xoghol wiehed jirriproduci is-sentenza appellata meta jigi biex jaghmel l-esposizzjoni tal-fatti fir-rikors ta'l-appell, izda b'mod car jelenka il-fatti tal-*iter processwali* li minnhom l-appellanti ser jislet il-lanjanzi tieghu. Maghdud dan, madanakollu, billi l-iskop li trid il-ligi fil-fehma tal-Qorti xortawahda gie milhuq billi kemm il-parti avversarja kif ukoll il-Qorti fehmu sewwa ir-*res gestae* tal-kaz u l-lanjanzi ta'l-appellanti, din il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm ir-rikors mhuwiex imfassal strettament kif trid il-ligi, dan wahdu ghar-raguni moghtija ma iwassalx sabiex igib in-nullita tieghu, izda fic-cirkostanzi huwa iktar propens illi l-atti jigu salvati, gjaldarba l-ghan tal-ligi gie b'xi mod jew iehor milhuq. Illi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta kienet tal-fehma illi meta l-fatti esposti huma dawk relevanti ghall-fini tal-appell kif arginat u ghall-fini tal-aggravju dedott, dawn huma sufficjenti sabiex jissodisfaw il-vot tal-ligi.[2]

Ikkunsidrat,

Maghluqa dina l-parantesi, il-Qorti ma tistax izda ma tosservax ukoll illi l-mertu ta'l-appell huwa wiehed frivolu u minghajr bazi. Dan ghaliex l-appellanti fil-lanjanzi tieghu jinjora il-fatt illi l-ligi li tirregola il-mandat ta' arrest ewropew hija l-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05 fejn allura giet tramandata fil-legislazzjoni taghna d-Deċizjoni Kwadru tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja tat-13 ta' Ġunju, 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri magħmul f'Lussemburgu fit-13 ta' Ġunju, 2002, adottat konformement mat-Titolu VI tat-Trattat, kif emendat bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta Frar, 2009 u dan b'effett mis-07 ta' Gunju 2004. Dan kif stipulat fir-regolament 3 ta'l-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja.

[1] The Police vs Carmelo Borg, *omissis*. 20/10/2005 App.Inf.
[2] Il-Pulizija vs Julian Calleja (App.Inf. 05/10/2012)

Illi allura s-smigh quddiem il-Qorti Rimandanti kellu ikun kif stabbilit fir-regolament 12 li jiddisponi hekk:

**"Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar jekk ir-reat imsemmi fil-mandat ikunx reat ta' estradizzjoni. Jekk il-qorti tiddeċiedi billi tiċħad il-kwistjoni fis-subartikolu (2), il-qorti għandha tordna l-ħelsien ta' dik il-persuna. Jekk il-qorti tiddeċiedi billi tilqa' dik il-kwistjoni, hija għandha tmexxi taħt l-artikolu 13.**

Issa ir-regolament 60(3) li japplika ghal-kaz in dizamina jistipula illi r-reat indikat fil-mandat jitqies illi huwa reat ta' estradizzjoni jekk:

**"(a)l-imġieba tiġri fil-pajjiż skedat; (b) l-imġieba kienet tikkostitwixxi reat taħt il-liġi ta' Malta li kieku din ġrat f'Malta; (ċ) sentenza ta' priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien erba' xhur jew b'piena akbar, tkun ingħatat dwar dik l-imġieba fil-pajjiż skedat."**

Illi minn daqqa t'ghajn lejn ir-reati indikati fl-erba mandati ta' arrest ewropej fejn l-appellanti gie misjub hati ta' diversi reati u ikkundannat ghal piena ta' inkarcerazzjoni ghandu johrog illi dawn jinvolvu imgieba li tikkostitwixxi reati taht il-ligi maltija u fejn l-appellanti f'kull wahda minnhom gie ikkundannat ghal piena ta' iktar minn erba xhur prigunerija. Illi di piu lanqas ma iregi l-argument ta'l-appellanti illi gjaldarba tlieta mid-decizjonijiet li fuqhom huma ibbazati tlett mandati ta' arrest ewropew mill-erba decizjonijiet moghtija fil-konfront tieghu mit-Tribunale Ordinario ta' Catania inghataw *in absentia,* ghandhom japplikaw fil-fehma tieghu id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 2(a) tal-Kapitolu 276 fejn allura l-appellanti ghandu jitqies li huwa persuna akkuzata u mhux ikkundannata ai fini ta' din il-procedura. Dan huwa argument fallaci li ma isibx applikazzjoni fil-kaz tal-mandat ta' arrest ewropew u dan meta l-artikolu 23(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja li, kif inghad, tirregola din il-procedura jikkontempla is-sitwazzjoni fost ohrajn fejn l-persuna misjuba hatja u li taghha qed jigi mitlub it-treggigh lura "**konxja mill-proċedimenti skedati, kienet tat mandat lil konsulent legali, li kien jew appuntat mill-persuna konċernata jew mill-Istat, biex jiddefendiha fil-proċedimenti, u kienet**

**fil-fatt ġiet difiża minn dak il-konsulent fil-proċedimenti,"** kif proprju jidher li sehh f'dan il-kaz mill-atti tal-mandati innifshom.

Illi dan kollu huwa fil-fatt rifless fil-verbal tal-Qorti Rimandanti tal-01 ta' Awwissu 2016 li skrupolozament ipproduciet il-fatti ta' dan l-*iter processwali.* Illi fil-fatt jidher illi wara li l-qorti fissret lill-appellanti x'kienu ir-reati li dwarhom kienet qed tigi mitluba l-estradizzjoni tieghu mill-Awtoritajiet gudizjarji taljani, jidher illi l-Ufficjali Prosekuturi fil-fatt iddikjaraw illi it-treggigh lura ta'l-estradant kien qed jigi mitlub sabiex huwa jiskonta piena komplessiva ta' sena u seba' xhur u dsatax-il gurnata prigunerija u dan fir-rigward ta' reati ta' serq, ricettazzjoni u hasil ta' flus kif indikati fil-mandati ta' arrest notifikati lilu. U allura l-appellanti erronjament jindika lil din il-Qorti illi huwa ma kienx jaf ir-raguni ghaliex kienet qed tintalab l-estradizzjoni billi din tohrog mir-*res gestae* tal-kaz kif rifless fil-verbal tal-qorti, tant illi l-prosekuzzjoni tindika ukoll il-komputazzjoni minnha maghmula tal-perijodu ta' prigunerija li l-estradant kien fadallu jiskonta.

Jidher ukoll illi wara li l-Prosekuzzjoni spjegat illi il-kriterji applikabbli ghal dan il-kaz sabiex ir-reati jitqiesu li huma reati ta' estradizzjoni huma dawk kif stabbiliti fir-regolament 60(3) tal-Avviz Legali 320 ta'l-2004 kif hawn fuq iccitat, id-difiza u cioe' l-appellanti kif rapprezentat mid-difensur tieghu iddikjara illi ma kienx qed jikkontesta l-fatt illi ir-reati kienu reati ta' estradizzjoni, kif ukoll iddikjara illi ma kien hemm l-ebda divjiet ghall-estradizjoni kif indikat fir-regolament 13, ghalkemm dan ma kienx applikabbli ghal dan il-kaz. Ma tistax tifhem din il-Qorti, allura meta hemm dikjarazzjoni irregistrata fl-*iter processwali* quddiem il-Qorti Rimandanti wara li l-appellanti kien gie infurmat u lilu spjegat ir-ragunijiet kollha 'il ghala kien qed jintalab it-treggigh lura tieghu lill-awtoritajiet gudizzjarji taljani u wara li ma kienx hemm kontestazzjoni lanqas dwar l-identita tieghu, ir-raguni li wasslet lill-appellanti sabiex iressaq il-lanjanzi kif impustati fir-rikors ta'l-appell. Dan iktar u iktar wara dak iddikjarat fl-imsemmi verbal li din il-Qorti ser tikkwota verbatim fejn hemm irregistrat hekk:

**"Il-Qorti flimkien ma'l-Avukat Difensur u l-Ufficjal Prosekutur ezaminaw l-erba' mandati de quo minn fejn irrizulta illi fir-rigward tas-sentenza numru 974/09 l-estradant kien notifikat u attenda personalment ghal process relattiv. Fir-rigward tat-tlett proceduri mertu tat-tlett mandati ta' arrest ewropej rimanenti jigifieri s-sentenzi 27/07, 4109/14 u 108/11, l-estradant ghalkemm ma attendiex personalment huwa kien notifikat u mgharraf bid-data iffissata ghal process, qabbad lil Avukat difensur sabiex jippatrocinah matul il-kors ta' dawk il-proceduri u fil-fatt kien hekk ippatrocinat minn tali Avukat Difensur.**

**F'dan l-istadju d-difiza u l-prosekuzzjoni qeghdin jaqqblu illi l-presupposti ta'l-artikolu 23 ta'l-Ordni huma sodisfatti."**

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-fatti li sehhew quddiem l-Ewwel Qorti ma kellu jirrizulta ebda impediment fil-ligi sabiex il-Qorti Rimandanti tghaddi ghad-decizjoni taghha, liema decizjoni hija wahda gusta u timmerita konferma. Fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali ghalhekk din il-Qorti tqies illi dan l-appell huwa wiehed frivolu u li ma jimmeritax konsiderazzjoni ulterjuri

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tichad l-appell b'dan ghalhekk illi l-Ordni moghtija mill-Qorti Rimandanti tal-1 ta' Awwissu 2016 qed tigi ikkonfermata fl-intier taghha u ghandha tibda isehh minnufih. Ghalhekk tordna li l-imsemmi Francesco Grasso jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura lejn l-Italja.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur